

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2014/151/PESK

tal-21 ta' Marzu 2014

li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li persuni addizzjonali għandhom jiżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tidher fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

- (3) L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

D. KOURKOULAS

⁽¹⁾ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16

ANNEX

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|-----|----------------------------------|--|--|------------------|
| 1. | Rogozin, Dmitry Olegovich | d.t.t. 21.12.1963; f'Moska | Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. | 21.3.2014 |
| 2. | Glazyev, Sergey | d.t.t. 1.1.1961, Zaporozhye, (RSS Ukraina) | Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. | 21.3.2014 |
| 3. | Matviyenko, Valentina Ivanova | d.t.t. 7.4.1949, Shepetovka, Khmelniyskiy oblast (RSS Ukraina) | Speaker tal-Kunsill Federali. Fl-1 ta' Marzu 2014, appoġġa pubblikament fil-Kunsill Federali l-mobilizzazzjoni tal-forzi Russi fl-Ukraina. | 21.3.2014 |
| 4. | Naryshkin, Sergei Evgenevich | d.t.t. 27.10.1954, San Pietruburgu (qabel kien Leningrad) | Speaker tal-Istat ta' Duma. Appoġġa pubblikament il-mobilizzazzjoni tal-forzi Russi fl-Ukraina. Appoġġa pubblikament it-trattat tar-riunifikazzjoni tar-Russja u l-Krimea u l-liġi kostituzzjonali federali relatata. | 21.3.2014 |
| 5. | Kiselyov, Dmitry Konstantinovich | d.t.t. 26.4.1954 | Maħtur b'Digriet Presidenzjali fid-9 ta' Diċembru 2013. Kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet tal-Istat Federali Russu "Ros-siya Segodnya". Figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern li tappoġġa l-mobilizzazzjoni tal-forzi Russi fl-Ukraina. | 21.3.2014 |
| 6. | Nosatov, Alexander Mihailovich | d.t.t. 27.3.1963 Sevastopol, (RSS Ukraina) | Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukraina. | 21.3.2014 |
| 7. | Kulikov, Valery Vladimirovich | d.t.t. 1.9.1956, Zaporozhye, (RSS Ukraina) | Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukraina. | 21.3.2014 |
| 8. | Surkov, Vladislav Yurievich | d.t.t. 21.9.1964, Solntsevo, Lipetsk | Assistent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Kien organizzatur tal-proċess fil-Krimea li permezz tiegħu l-komunitajiet lokali tal-Krimea ġew immobilizzati biex jieħdu azzjonijiet sabiex jheddu l-awtoritajiet tal-Ukraina fil-Krimea. | 21.3.2014 |
| 9. | Mikhail Malyshev | President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea | Responsabbli mill-amministrazzjoni tar-referendum fil-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar-referendum. | 21.3.2014 |
| 10. | Valery Medvedev | President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol | Responsabbli mill-amministrazzjoni tar-referendum fil-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar-referendum. | 21.3.2014 |

| | Isem | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elekkar |
|-----|------------------------------------|--------------------------------------|--|------------------|
| 11. | Logutenent General Igor Turchenyuk | Kmandat tal-forzi Russi fil-Krimea | Il-Kmandant de-facto tat-truppi Russi mobilizzati fit-territorju tal-Krimea (li r-Russja tkompli tirreferi għalihom uffiċjalment bħala "milizji lokali għall-awto-difiża"). | 21.3.2014 |
| 12. | Elena Borisovna Mizulina | Viċi fl-Istat ta' Duma | Orġinatur u ko-sponsor ta' bidliet legi-lattivi reċenti fir-Russja li kienu jippermettu reġjuni ta' pajjiżi oħra jissiehu mar-Russja mingħajr qbil minn qabel tal-awtoritajiet ċentrali tagħhom. | 21.3.2014 |